Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# Effetti fuq żmien twil tal-COVID-19

Il-biċċa l-kbira tal-persuni li jimbokkaw il-COVID-19 ser ikollhom sintomi għal żmien qasir u mbagħad ser jirkupraw fi żmien ftit ġimgħat. Iż-żmien li jieħdu biex jirkupraw mill-COVID-19 ivarja minn persuna għal oħra. Dan jiddependi minn kemm kont marid bil-COVIV-19. Jista' jiddependi wkoll minn jekk għandekx xi kundizzjonijiet eżistenti oħra tas-saħħa.

Hemm xi persuni li jesperjenzaw problemi tas-saħħa għal żmien twil wara li jimbokkaw il-COVID-19. Xi kultant il-COVID-19 tikkawża li persuna tħossha ma tiflaħx għal ħafna xhur wara l-marda tal-bidu. Dan jgħidulu ‘COVID twil’. Il-COVID twil jista' jdum għal ħafna ġimgħat u xhur, anki wara li persuna m’għandhiex aktar il-vajrus.

Anki persuni li mbokkaw infezzjoni moderata tal-COVID-19 u ma kellhomx bżonn imorru l-isptar xorta waħda jista' jkollhom COVID twil.

## Sintomi ta’ COVID twil

Sinjali u sintomi komuni li jistgħu jibqgħu wara li persuni jiġu nfettati għall-ewwel darba huma:

- għejja
- isibuha bi tqila biex jieħdu n-nifs
- sogħla persistenti
- uġigħ fis-sider
- uġigħ fil-ġogi
- m’għandhomx biżżejjed enerġija biex jeżerċitaw
- deni
- uġigħ ta’ ras
- problemi tal-memorja u jsibuha bi tqila biex jaħsbu ċar (‘ċpar tal-moħħ’)
- dipressjoni jew ansjetà.

Ħafna effetti sekondarja fuq żmien twil mill-COVID-19 għadhom mhumiex magħrufin. Għalhekk hu importanti li tagħmel kollox biex tipproteġi lilek innifsek milli tkun infettat bil-vajrus tal-COVID-19.

Il-vaċċinazzjoni hi l-aħjar mod kif tnaqqas ir-riskji tal-COVID-19.

Meta ħafna persuni jiġu vvaċċinati kontra l-COVID-19, dan inaqqas ir-riskju li vajrus jinfirex fil-komunità. Dan iwassal li inqas persuni jiġu nfettati bil-COVID-19, li jnaqqas in-numru ta’ persuni li jesperjenzaw il-COVID twil.

## Għal aktar tagħrif

Jekk għandek mistoqsiijet, kellem lit-tabib tiegħek, mur f'health.gov.au/covid19-vaccines-languages, jew ċempel il-Linja Nazzjonali tal-Għajnuna tal-Coronavirus fuq 1800 020 080. Għas-servizzi tal-interpretar, ċempel 131 450.